REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1649

tal-21 ta' Awwissu 2023

li jibda investigazzjoni dwar il-possibbiltà ta' ċirkomvenzjoni tal-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1930 fuq l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula li joriġinaw mir-Russja, permezz ta' importazzjonijiet tal-plywood tal-betula kkonsenjati mit-Turkija u mill-Każakistan, kemm jekk dawn ikunu ddikjarati li joriġinaw mit-Turkija u l-Każakistan u kemm jekk le, u li jagħmel l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula kkonsenjati mit-Turkija u l-Każakistan soġġetti għar-reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikoli 13(3) u 14(5) tiegħu,

Wara li infurmat lill-Istati Membri,

Billi:

A. **TALBA**

(1) Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") rċeviet talba skont l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku biex tinvestiga l-possibbiltà ta' ċirkomvenzjoni tal-miżuri anti-dumping imposti fuq l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula li joriġinaw mir-Russja u biex tagħmel l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula kkonsenjati mit-Turkija u l-Każakistan soġġetti għar-reġistrazzjoni, kemm jekk dawn ikunu ddikjarati li joriġinaw mit-Turkija u l-Każakistan u kemm jekk le.

(2) Din it-talba ġiet ippreżentata fl-10 ta' Lulju 2023 mill-Konsorzju Woodstock (l-"applikant").

B. **PRODOTT**

(3) Il-prodott ikkonċernat miċ-ċirkomvenzjoni possibbli huwa plywood magħmul biss minn folji tal-injam, kull saff ma għandux jaqbeż il-ħxuna ta' 6 mm, bis-saffi ta' barra tal-injam speċifikati taħt is-subintestatura 4412 33, b'tal-anqas saff wieħed ta' barra magħmul mill-injam tal-betula, miksi jew le, ikklassifikat fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1930 ([2]) taħt il-kodiċi NM ex 4412 33 00 (il-kodiċi TARIC 4412 33 00 10) u li joriġina mir-Russja ("il-prodott ikkonċernat"). Dan huwa l-prodott li għalih japplikaw il-miżuri li huma fis-seħħ bħalissa.

Il-prodott investigat huwa l-istess bħal dak definit fil-premessa preċedenti, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM 4412 33 10 ([3]) iżda kkonsenjat mit-Turkija u mill-Każakistan, irrispettivament jekk ikunx iddikjarat li joriġina mit-Turkija u l-Każakistan (il-kodiċijiet TARIC 4412 33 10 10 u 4412 33 10 20 ("il-prodott investigat").

C. **MIŻURI EŻISTENTI**

(4) Il-miżuri li huma fis-seħħ attwalment u li possibbilment qiegħed ikun hemm iċ-ċirkomvenzjoni tagħhom huma miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1930 ("il-miżuri eżistenti").

D. **RAĠUNIJIET**

(5) It-talba fiha provi biżżejjed li qiegħed ikun hemm ċirkomvenzjoni tal-miżuri eżistenti fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat permezz ta' importazzjonijiet tal-prodott investigat. B'mod partikolari, il-provi fit-talba juru dan li ġej:

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1930 tat-8 ta' Novembru 2021 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula li joriġinaw mir-Russja (ĠU L 394, 9.11.2021, p. 7).

([3]) Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-kodiċi TARIC applikabbli kien ta' 4412 33 00 10. Mill-1 ta' Jannar 2022, ġie sostitwit bil-kodiċi TARIC 4412 33 10 10. Mill-1 ta' Settembru 2022, ġie sostitwit bil-kodiċi NM 4412 33 10.

(6) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri eżistenti, seħħet bidla fix-xejra tal-kummerċ li tinvolvi l-esportazzjonijiet mir-Russja, kif ukoll mit-Turkija u mill-Każakistan lejn l-Unjoni.

(7) Din il-bidla tidher li ġejja minn prattika li għaliha ma hemmx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju, jiġifieri l-kunsinna tal-prodott ikkonċernat permezz tat-Turkija u l-Każakistan lejn l-Unjoni.

(8) Barra minn hekk, l-evidenza turi li minħabba dawn il-prattiki deskritti hawn fuq, l-effetti ta' rimedju tal-miżuri eżistenti fuq il-prodott ikkonċernat qegħdin jiġu mminati kemm f'termini ta' kwantità kif ukoll f'termini ta' prezzijiet. Jidher li fis-suq tal-Unjoni daħlu volumi sinifikanti ta' importazzjonijiet tal-prodott investigat. Barra minn hekk, hemm provi biżżejjed li l-importazzjonijiet tal-prodott investigat qegħdin isiru bi prezzijiet dannużi.

(9) Fl-aħħar nett, l-evidenza turi li l-prezzijiet tal-prodott investigat huma oġġett ta' dumping fir-rigward tal-valur normali stabbilit qabel għall-prodott ikkonċernat, aġġustat minħabba l-inflazzjoni tal-prezzijiet u ż-żidiet fil-kostijiet li seħħew mill-perjodu ta' investigazzjoni użat meta ġew stabbiliti l-miżuri eżistenti.

(10) Fl-eventwalità li l-prattiki ta' ċirkomvenzjoni koperti mill-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, differenti minn dik imsemmija hawn fuq, jiġu identifikati matul l-investigazzjoni, l-investigazzjoni tista' tkopri dawn il-prattiki wkoll.

E. **PROĊEDURA**

(11) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li teżisti biżżejjed evidenza li tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku u li tagħmel l-importazzjonijiet tal-prodott investigat soġġetti għal reġistrazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

(12) Sabiex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa għal din l-investigazzjoni, jenħtieġ li l-partijiet interessati kollha jikkuntattjaw lill-Kummissjoni minnufih, iżda mhux aktar tard mil-limitu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament. Il-limitu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament japplika għall-partijiet interessati kollha. Jekk ikun meħtieġ, tista' wkoll tintalab informazzjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(13) L-awtoritajiet tat-Turkija, tal-Każakistan u tar-Russja se jiġu notifikati bil-bidu tal-investigazzjoni.

(a) **Struzzjonijiet għat-tfassil ta' preżentazzjonijiet bil-miktub u biex jintbagħtu l-kwestjonarji mimlijin u l-korrispondenza**

(14) L-informazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni għall-fini ta' investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ għandha tkun ħielsa mid-drittijiet tal-awtur. Qabel ma jippreżentaw informazzjoni u/jew *data* lill-Kummissjoni li tkun soġġetta għal drittijiet tal-awtur ta' parti terza, il-partijiet interessati jridu jitolbu permess speċifiku mingħand id-detentur tad-drittijiet tal-awtur li jippermetti espliċitament a) li l-Kummissjoni tuża l-informazzjoni u d-*data* għall-fini ta' dan il-proċediment ta' difiża tal-kummerċ u b) li tingħata l-informazzjoni u/jew id-*data* lill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni f'għamla li tippermettilhom jeżerċitaw id-dritt tad-difiża.

(15) Il-preżentazzjonijiet bil-miktub kollha, inkluża l-informazzjoni mitluba f'dan ir-Regolament, il-kwestjonarji mimlijin u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati li jkun intalab trattament kunfidenzjali għalihom għandhom jiġu mmarkati "*Sensitive* ([4])". Il-partijiet li jippreżentaw informazzjoni matul din l-investigazzjoni huma mistednin jagħtu raġunijiet għat-talba tagħhom għal trattament kunfidenzjali.

([4]) Dokument "*Sensitive*" huwa dokument li jitqies li jkun kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim dwar l-Anti-Dumping). Dan huwa wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

(16) Il-partijiet li jipprovdu informazzjoni mmarkata "*Sensitive*" huma mitlubin jipprovdu sommarji mhux kunfidenzjali tagħha skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, filwaqt li jimmarkawha *"For inspection by interested parties"*. Jenħtieġ li dawn is-sommarji jkunu ddettaljati biżżejjed biex jippermettu li s-sustanza tal-informazzjoni ppreżentata b'mod kunfidenzjali tinftiehem b'mod raġonevoli.

(17) Jekk parti li tipprovdi informazzjoni kunfidenzjali tonqos milli tagħti raġunijiet ġusti għal talba ta' trattament kunfidenzjali jew ma tipprovdix sommarju mhux kunfidenzjali tagħha bil-format u l-kwalità mitluba, il-Kummissjoni tista' tinjora tali informazzjoni sakemm ma jkunx jista' jintwera b'mod sodisfaċenti minn sorsi xierqa li l-informazzjoni hija korretta.

(18) Il-partijiet interessati huma mistiedna jressqu l-preżentazzjonijiet u t-talbiet kollha permezz ta' TRON.tdi (https://webgate.ec.europa.eu/tron/TDI) inklużi talbiet biex jiġu rreġistrati bħala partijiet interessati, dokumenti skenjati ta' prokuri u ta' ċertifikazzjoni.

(19) Sabiex ikollhom aċċess għal TRON.tdi, il-partijiet interessati jkollhom bżonn kont tal-EU Login. L-istruzzjonijiet kollha dwar kif wieħed jirreġistra u juża TRON.tdi jinsabu hawnhekk: https://webgate.ec.europa.eu/tron/resources/documents/gettingStarted.pdf.

Meta jużaw TRON.tdi jew ittra elettronika, il-partijiet interessati jkunu qegħdin jesprimu l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli għall-preżentazzjonijiet elettroniċi li jinsabu fid-dokument "KORRISPONDENZA MAL-KUMMISSJONI EWROPEA F'KAŻIJIET TA' DIFIŻA TAL-KUMMERĊ" ippubblikat fis-sit tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: https://circabc.europa.eu/ui/group/2e3865ad-3886-4131-92bb-a71754fffec6/library/8b8ed0a2-9f75-4195-bf72-7f7c62b9ae4f/details.

(20) Il-partijiet interessati jridu jindikaw isimhom, l-indirizz, in-numru tat-telefown u indirizz elettroniku validu u jenħtieġ li jiżguraw li l-indirizz elettroniku pprovdut ikun indirizz kummerċjali uffiċjali tal-ittra elettronika li jiffunzjona u li jiġi kkonsultat kuljum. Ladarba jingħataw id-dettalji ta' kuntatt, il-Kummissjoni se tikkomunika mal-partijiet interessati permezz tal-ittra elettronika biss, dment li ma jkunx hemm talba speċifika li d-dokumenti kollha mill-Kummissjoni jintbagħtu b'mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew dment li n-natura tad-dokument li jrid jintbagħat ma tkunx teħtieġ l-użu tal-posta rreġistrata. Għal aktar regoli u informazzjoni dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni inklużi l-prinċipji li japplikaw għall-preżentazzjonijiet bl-ittri elettroniċi, jenħtieġ li l-partijiet interessati jikkonsultaw l-istruzzjonijiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati msemmijin hawn fuq.

(21) L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate G
Office: CHAR 04/039
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

TRON.tdi: https://webgate.ec.europa.eu/tron/tdi

Indirizz elettroniku: TRADE-TRADE-R799-BIRCH-PLYWOOD-AC-TURKEY**@ec.europa.eu**

TRADE-TRADE-R799-BIRCH-PLYWOOD-AC-KAZAKHSTAN**@ec.europa.eu**

(b) **Ġbir ta' informazzjoni u seduti ta' smigħ**

(22) Il-partijiet interessati kollha inkluż l-industrija tal-Unjoni, l-importaturi u kwalunkwe assoċjazzjoni rilevanti huma mistiedna jippreżentaw l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u jipprovdu evidenza ta' sostenn dment li dawn il-preżentazzjonijiet isiru sal-iskadenza prevista fl-Artikolu 3(2). Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, dment li jippreżentaw talba bil-miktub u juru li hemm raġunijiet partikolari għalfejn jenħtieġ li jinstemgħu.

(c) **Talbiet għal eżenzjonijiet**

(23) F'konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott investigat jistgħu jiġu eżentati mill-miżuri jekk l-importazzjoni ma tkunx tikkostitwixxi ċirkomvenzjoni.

(24) Peress li ċ-ċirkomvenzjoni possibbli sseħħ barra mill-Unjoni, skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet lill-produtturi tal-prodott investigat fit-Turkija u l-Każakistan li jistgħu juru li mhumiex involuti fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni kif definit fl-Artikoli 13(1) u 13(2) tar-Regolament bażiku. Jekk ikun hemm produtturi li jixtiequ jiksbu eżenzjoni, jenħtieġ li dawn jippreżentaw ruħhom sal-limitu ta' żmien indikat fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament. Kopji tal-formola tat-talba għal eżenzjoni għall-produtturi esportaturi fit-Turkija u l-Każakistan u l-kwestjonarji għall-importaturi fl-Unjoni huma disponibbli fil-fajl għall-konsultazzjoni mill-partijiet interessati u fis-sit web tad-DĠ Kummerċ: https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2677. Il-kwestjonarji għandhom jiġu ppreżentati sal-limitu taż-żmien indikat fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament.

F. **REĠISTRAZZJONI**

(25) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott investigat għandhom ikunu soġġetti għal reġistrazzjoni sabiex ikun żgurat li, jekk mill-investigazzjoni jirriżulta li tkun ikkonstatata ċirkomvenzjoni, ikun jista' jiġi impost ammont xieraq ta' dazji anti-dumping, li ma jaqbiżx id-dazju residwu impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1930, mid-data li fiha tkun ġiet imposta r-reġistrazzjoni ta' dawn l-importazzjonijiet.

G. **LIMITI TA' ŻMIEN**

(26) Sabiex ikun hemm amministrazzjoni tajba, jenħtieġ li jiġu ddikjarati l-limiti taż-żmien li fihom:

— il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw ruħhom lill-Kummissjoni, jippreżentaw kwestjonarji, jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub jew kwalunkwe informazzjoni oħra li trid tiġi kkunsidrata matul l-investigazzjoni,

— il-produtturi fit-Turkija u l-Każakistan jistgħu jitolbu eżenzjonijiet mir-reġistrazzjoni tal-importazzjoni jew tal-miżuri,

— il-partijiet interessati jkunu jistgħu jagħmlu talba bil-miktub biex jinstemgħu mill-Kummissjoni.

(27) Ta' min jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-eżerċitar tad-drittijiet proċedurali stipulati fir-Regolament bażiku jiddependi mill-fatt li l-partijiet jippreżentaw lilhom infushom fil-limiti taż-żmien indikati fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

H. **NUQQAS TA' KOOPERAZZJONI**

(28) Jekk xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess jew ma tipprovdix l-informazzjoni meħtieġa fil-limiti taż-żmien stipulati, jew tfixkel b'mod sinifikanti l-investigazzjoni, il-konstatazzjonijiet, pożittivi jew negattivi, jistgħu jsiru fuq il-bażi tal-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(29) Jekk jinstab li xi parti interessata tkun ipprovdiet informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni ma għandhiex titqies u jista' jsir użu mill-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(30) Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera biss parzjalment u, għaldaqstant, il-konstatazzjonijiet ikunu bbażati fuq il-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku tkun ikkooperat.

I. **SKEDA TAL-INVESTIGAZZJONI**

(31) L-investigazzjoni se tiġi konkluża, skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku, fi żmien disa' xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

J. **PROĊESSAR TA' *DATA* PERSONALI**

(32) Ta' min jinnota li kull *data* personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tiġi ttrattata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39.

(33) Notifika dwar il-protezzjoni tad-*data* li tinforma lill-individwi kollha dwar l-ipproċessar tad-*data* personali fil-qafas tal-attivitajiet tad-difiża tal-kummerċ tal-Kummissjoni hija disponibbli fis-sit web tad-DĠ Kummerċ: https://europa.eu/!vr4g9W

K. **UFFIĊJAL TAS-SEDUTA**

(34) Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta għall-proċedimenti kummerċjali. L-Uffiċjal tas-Seduta jirrieżamina t-talbiet għall-aċċess għall-fajl, it-tilwim fir-rigward tal-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għal estensjoni tal-limiti taż-żmien u kwalunkwe talba oħra dwar id-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati u terzi li jistgħu jfeġġu matul il-proċediment.

(35) L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza seduti u jagħmilha ta' medjatur bejn il-parti(jiet) interessata/i u s-servizzi tal-Kummissjoni biex jiżgura li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati jkunu qegħdin jiġu eżerċitati bis-sħiħ. Jenħtieġ li t-talba għal seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta ssir bil-miktub u jenħtieġ li tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina r-raġunijiet għat-talbiet. Jenħtieġ li dawn is-seduti jsiru biss jekk il-kwistjonijiet ma jkunux ġew solvuti mas-servizzi tal-Kummissjoni fiż-żmien debitu.

(36) Kull talba trid tiġi ppreżentata fi żmien raġonevoli u bla dewmien sabiex ma xxekkilx l-andament tajjeb tal-proċedimenti. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-partijiet interessati jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta malajr kemm jista' jkun wara li jseħħ il-każ li jiġġustifika tali intervent. Fil-prinċipju, l-oqfsa ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 3(3) ta' dan ir-Regolament sabiex jintalbu seduti ta' smigħ mas-servizzi tal-Kummissjoni japplikaw *mutatis mutandis* għal talbiet għal seduti ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta. Meta t-talbiet għal seduti jiġu ppreżentati barra mill-iskedi ta' żmien rilevanti, l-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina wkoll ir-raġunijiet li minħabba fihom dawn it-talbiet ikunu saru daqshekk tard, in-natura tal-kwistjonijiet imqajma u l-impatt ta' dawn il-kwistjonijiet fuq id-drittijiet tad-difiża, filwaqt li debitament iqis l-interessi ta' amministrazzjoni tajba u t-tlestija f'waqtha tal-investigazzjoni.

(37) Għal aktar informazzjoni u għad-dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni web tal-Uffiċjal tas-Seduta fis-sit web tad-DĠ KUMMERĊ: https://policy.trade.ec.europa.eu/contacts/hearing-officer_en.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Qiegħda tinfetaħ investigazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) 2016/1036, sabiex jiġi ddeterminat jekk hux qiegħed ikun hemm ċirkomvenzjoni tal-miżuri imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1930 mill-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-plywood li jikkonsisti biss minn folji tal-injam, b'kull saff li ma jaqbiżx il-ħxuna ta' 6 mm, bis-saffi ta' barra tal-injam speċifikati taħt is-subintestatura 4412 33, b'tal-anqas saff wieħed ta' barra magħmul mill-injam tal-betula, kemm jekk miksi jew le, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM 4412 33 10, ikkonsenjat mit-Turkija u mill-Każakistan, kemm jekk ikun ddikjarat li joriġina mit-Turkija u l-Każakistan u kemm jekk le (il-kodiċijiet TARIC 4412 33 10 10 u 4412 33 10 20).

Artikolu 2

1. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għandhom, skont l-Artikolu 13(3) u l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036, jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni identifikati fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

2. Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

1. Il-partijiet interessati jridu jippreżentaw ruħhom billi jikkuntattjaw lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Biex ir-rappreżentazzjonijiet tagħhom jiġu kkunsidrati waqt l-investigazzjoni, il-partijiet interessati jridu jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u jibagħtu t-tweġibiet għall-kwestjonarju, it-talbiet għal eżenzjonijiet, jew kwalunkwe informazzjoni oħra fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

3. Il-partijiet interessati jistgħu japplikaw ukoll biex jinstemgħu mill-Kummissjoni fl-istess limitu taż-żmien ta' 37 jum. Għas-seduti dwar l-istadju tal-bidu tal-investigazzjoni, it-talba trid tiġi ppreżentata fi żmien 15-il jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Kwalunkwe talba għal smigħ trid issir bil-miktub u trid tispeċifika r-raġunijiet għat-talba.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Awwissu 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN